B'Tifkira tal-375 sena mit-Twaqqif tal-Kolleġġjata Elenjana

# Il-Kanonċi Elenjani fil-Knisja l-Qadima (1635-1745)

Winston L. Zammit B.A.(Hons) M.A., P.G.C.E



Fis-seklu XVII u fis-seklu XVIII sas-sena 1745, il-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna kienet mhux biss il-parrokkjali ta' Birkirkara, iżda anke s-sede tal-Kapitlu Elenjan. Dan kien twaqqaf bit-tħabrik tal-kappillan Dun Filippu Borg (1567-1649) permezz tal-Bolla tal-Papa Urbanu VIII tal-5 ta' Diċembru 1630. L-imsemmi Dun Filippu kien ta l-flus meħtieġa biex jitwaqqfu l-prependi tal-Prepositura u ta' tnax-il kanonikat. L-ewwel kanonċi kienu ħadu l-pussess fil-Knisja l-Qadima fl-10 ta' Mejju 1635.[1]

Lebsin il-pelliċċa mill-ewwel Ħadd ta' l-Avvent sa Sibt il-Għid u l-kappamanja mill-Għid sa lejliet il-bidu ta' l-Avvent, il-kanonċi

[1] Buhagiar V. Tagħrif... (1985) p.7.

baqgħu juffiċċjaw f'dil-knisja sa April tal-1745, meta l-parroċċa u l-kolleġġjata ġew ittrasferiti fil-knisja l-ġdida ddedikata lil Sant'Elena fiċ-ċentru ta' Birkirkara. Kienu jinġabru kuljum filgħodu fil-kor għal-liturġija tas-sigħat u l-quddiesa konventwali (kif għadhom jagħmlu fil-Bażilka ta' Sant' Elena) u fil-għaxija biex ikomplu l-liturġija tas-sigħat.

**Mill-1635 sal-1745** ħadu l-pussess fil-Knisja l-Qadima:

**Ħames Preposti:** Dun Filippu Borg J.U.D (1635-1649), Dun Gustu Torrensi J.U.D (1649-1698), Dun Indri Pulliċino J.U.D (1699-1701), Dun Ġakbu Galea J.U.D. (1702-1717) u Dun Ġużepp Gaspare Vassallo J.U.D. (1718-1749).[2]

**Tliet Arċiprieti:** Id-dinjità Arċipretali fi ħdan il-Kapitlu Elenjan twaqqfet fl-1692, u magħha kien hemm marbuta l-kura ta' l-erwieħ. L-arċiprieti kienu Dun Ġiovanni Battista Scicluna (1692-1740), Dun Alberto Gabriele Scicluna (1740-1743) u Dun Karlu Bellia (1743-1754).[3]

**Ħamsin Kanonku:** Mit-tiftix li għamilt jidher li minbarra l-Preposti u l-Arċiprieti, bejn l-1635 u l-1745 ħadu l-pussess fil-Knisja l-Qadima 50 kanonku.[4] Billi mhux possibbli li f'dan l-artiklu nsemmihom kollha, se nsemmi biss uħud. Tnejn mill-kanonċi, Dun Indri Galea SThD u Dun Giovanni Maria Zahra nħatru kanonċi tal-Katidral. Dun Indri Galea nħatar Arċipriet tal-Katidral fl-1640, filwaqt li Dun Giov. Maria Zahra, l-ewwel inħatar kanonku (1655) u wara Kantur tal-Katidral (1661).[5]

Tliet kanonċi kienu llawreati fit-Teoloġija, li kienu l-imsemmi Dun Andrea Galea, Dun Ġan Mari Sammut u Dun Anton Gatt,[6] Filwaqt li ż-żewġ kanonċi l-oħra li kienu Dun Girgor Gatt u Dun Marju Borg, kienu llawrijati fil-liġi.

---

[2] Ibid. P. 10.
[3] Ferris A., Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo (Malta 1866) p.320.
[4] L-ismijiet ta' dawn il-kanonċI ġbarthom minn \ewġ manuskritti li hemm fil-Biblioteka l-Belt. NLM 16 u NLM 360, u mit-tielet Vi\ta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Alpheran De Bussan, Arkivju Katidrali Malta Ms 191 Pars 11.
[5] Ara NLM 16 pp 48, 103, 108.
[6] Ibid., pp. 103, 105, 112.

L-imsemmi Dun Marju Borg kien illawrijat ukoll fit-Teoloġija u kien ukoll Protonotarju Appostoliku.[7] Il-kanonċi Dun Ġwann Micallef u Dun Ġakbu Galea, li kien ukoll Prepostu, u Dun Lawrenz Vassallo kienu llawrijati fil-liġi ċivili u kanonika (J.U.D).[8]

Fost il-kanonċi sibt li kien hemm tnejn li kellhom il-kariga ta' Viċi Parroku. Dawn kienu Dun Ġużepp Borg u Dun Ġużepp Micallef.[9] Wieħed mill-kanonċi, Dun Lawrenz Vassallo, kien miet bil-pesta matul l-imxija l-kbira ta' l-1676,[10] filwaqt li kanonku ieħor, Dun Karlu Hordop li kien irriżenja fl-1667, miet wara fil-belt ta' Vjenna.[11]

---

[7] Ibid., pp. 113, 114.

[8] Ibid., pp. 106, 109 u 110.

[9] Ibid., pp. 117, 118.

[10] NLM 360 p. 504.

[11] Ibid., p. 508.